MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 353/2015/1

**Pancrazio Cutajar**

**vs**

**Burzet Limited (C37376)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Pancrazio Cutajar li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm imfissra, intalbet din il-Qorti biex izomm lis-socjetà intimata milli titrasferixxi, tassenja, taghti jew tiddisponi kwalsiasi dritt reali jew personali taht kwalsiasi titolu oneruz jew gratuwitu il-fond immobiljarji bl-indirizz Burzet Court, Flat 45, Triq Burzet, Zabbar.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Burzet Limited.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 (1) u (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Is-socjetà intimata tibda biex teccepixxi n-nullità tar-rikors ghaliex dan ma jissodisfax id-dettami tal-Art. 874. Il-Qorti tqis fil-kuntest li, minkejja l-imperfezzjoni fid-dekrizzjoni, l-fond in kwistjoni huwa ben identifikat u, tenut kont ukoll tal-urgenza li biha kien kostrett jagixxi r-rikorrenti, ma hijiex gustifikata s-sanzjoni estrema tan-nullità.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, din il-Qorti tenfasizza li l-ezami li jehtieg li jsir f'dan l-istadju huwa strettament wiehed li jasal sal-livell ta' prima facie, bl-iskrutinju profond jibqa' rizervat ghal dik il-Qorti li tasal biex tisma' u tiddeciedi l-kawza. Dan premess, fil-kaz in ezami, din il-Qorti tqis illi l-oggezzjoni tas-socjetà intimata tirrikjedi minn din il-Qorti skrutinju li jmur oltre l-mansjonijiet taghha fi proceduri ta' din ix-xorta. Is-socjetà intimata tghid li wara li giet iffirmata l-iskrittura li fuqha qed tigi msejjsa t-talba tar-rikorrenti sehhew arrangamenti diversi. Ta' dan il-Qorti m'ghandha ebda prova, lanqas prima facie. Dak li jibqa' jidher mad-daqqa t'ghajn hija iskrittura datata 21 ta' Novembru 2006 li permezz taghha Pancrazio Cutajar gie mwieghed bi hlas ghall-appalt il-fond mertu ta' dawn il-proceduri.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' Pancrazio Cutajar kontenuta fir-rikors tieghu tat-2 ta' Marzu u zzomm lil Burzet Limited milli b'xi mod titrasferixxi, tassenja jew tiddisponi kwalsiasi dritt reali jew personali taht kwalsiasi titolu oneruz jew gratuwitu il-fond Flat 45, Burzet Court, Triq Burzet, Zabbar. Tahtar lin-Nutar Reuben Debono biex jeffettwa d-debita registrazzjoni skond il-ligi.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------